KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 23 ta' Ġunju 2007 (23.06)
(OR.en)

11177/07

CONCL 2

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| mill: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL 21/22 TA' ĠUNJU 2007**<br><br>**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA** |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (21/22 ta' Ġunju 2007).

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn preżentazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Hans-Gert Pöttering, segwita bi skambju ta' fehmiet.

o

o o

1. L-Ewropa hija magħquda fid-determinazzjoni tagħha li b'ħidma flimkien biss nistgħu nirrappreżentaw l-interessi u l-għanijiet tagħna fid-dinja ta' għada. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tikkontribwixxi l-ideat tagħha ta' ordni ekonomiku u soċjali sostenibbli, effiċjenti u ġust għall-proċess globali.

2. L-Unjoni Ewropea għandha quddiemha responsabbiltà doppja. Biex niżguraw il-futur tagħna bħala attur attiv f'dinja li qed tinbidel b'pass mgħaġġel u wiċċ imb'wiċċ ma' sfidi dejjem akbar, irridu nżommu u niżviluppaw il-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li taġixxi u r-responsabbiltà tagħha lejn iċ-ċittadin. Huwa għalhekk li jkollna niffukaw l-isforzi tagħna fuq il-proċess meħtieġ ta' riforma interna. Fl-istess ħin, l-Unjoni Ewropea hija msejħa ssawwar il-politika Ewropea hawn u issa għall-benefiċċju taċ-ċittadini ta' l-Ewropa.

3. L-aktar riżultati pożittivi reċenti jinkludu r-Regolament dwar ir-Roaming li jnaqqas il-prezz tal-komunikazzjoni moderna fl-Ewropa, il-ħolqien ta' żona ta' pagamenti Ewropea li tagħmel l-ivvjaġġar u l-għajxien flimkien aktar faċli fl-UE u t-titjib kostanti tad-drittijiet tal-konsumatur li jiggarantixxu liċ-ċittadini l-istess standards għoljin fl-Unjoni Ewoprea kollha.

4. Bid-deċiżjonijiet tiegħu dwar politika integrata għall-klima u l-enerġija l-Kunsill Ewropew fir-Rebbiegħa 2007 ssottolinja s-sinerġiji bejn dawn iż-żewġ oqsma ewlenin u witta t-triq għal titjib fil-protezzjoni tal-klima u trattament responsabbli ta' l-enerġija.

5. Kooperazzjoni transkonfini eqreb fil-qasam tal-pulizija u dak ġudizzjarju tfisser aktar sigurtà għal kulħadd. Fl-istess ħin l-UE qed taħdem biex tipproteġi u ssaħħaħ il-libertajiet ċivili fil-livell Ewropew.

6. Kontribut għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tagħha u żgurar tal-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li taġixxi fil-futur: bil-ħsieb ta' dan l-għan b'żewġ skopijiet, il-Kunsill Ewropew illum adotta l-konklużjonijiet li ġejjin.

7. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza kruċjali li tkun rinfurzata l-komunikazzjoni maċ-ċittadini Ewropej, li tipprovdi informazzjoni sħiħa u komprensiva dwar l-Unjoni Ewropea u li tinvolvihom fi djalogu permanenti. Dan ikun partikolarment importanti matul il-KIG li jmiss u l-proċess ta' ratifika.

## I. PROĊESS TA' RIFORMA TAT-TRATTAT

8. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li, wara sentejn ta' inċertezza dwar il-proċess ta' riforma tat-trattat ta' l-UE, wasal iż-żmien li l-kwistjoni tiġi riżolta u li l-Unjoni timxi 'l quddiem. Il-perijodu ta' riflessjoni pprovda l-opportunità sadanittant għal dibattitu pubbliku wiesa' u għen biex witta t-triq għal soluzzjoni.

9. F'dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport imfassal mill-Presidenza (dok. 10659/07) b'segwitu għall-mandat li ngħatalha f'Ġunju 2006, u jaqbel li r-riżoluzzjoni rapida ta' din il-kwistjoni hija prijorità.

10. Għal dan il-għan il-Kunsill Ewropew jaqbel li jlaqqa' Konferenza Intergovernattiva u jistieden lill-Presidenza biex mingħajr dewmien tieħu l-passi meħtieġa skond l-Artikolu 48 tat-TUE, bl-objettiv li l-KIG tinfetaħ qabel l-aħħar ta' Lulju hekk kif il-ħtiġiet legali jkunu ġew sodisfatti.

11. Il-KIG ser twettaq il-ħidma tagħha skond il-mandat stabbilit fl-Anness I għal dawn il-konklużjonijiet. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza li jmiss biex tfassal abbozz ta' test ta' Trattat f'konformità mat-termini tal-mandat u biex tippreżentah lill-KIG hekk kif din tiftaħ. Il-KIG ser tlesti l-ħidma tagħha kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem ta' l-2007, sabiex ikun hemm biżżejjed ħin għar-ratifika tat-Trattat li jirriżulta qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Ġunju 2009.

12. Il-KIG ser titmexxa taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern, mgħejuna mill-membri tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni. Ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni ser jipparteċipa fil-Konferenza. Il-Parlament Ewropew ser ikun assoċjat mill-qrib ma' u involut fil-ħidma tal-Konferenza bi 3 rappreżentanti. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jipprovdi l-appoġġ tas-segretarjat għall-Konferenza.

13. Wara li kkonsulta l-President tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Parlament Ewropew, sabiex iwitti t-triq għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-kompożizzjoni futura tal-Parlament Ewropew fi żmien xieraq qabel l-elezzjonijiet ta' l-2009, jippreżenta sa Ottubru 2007 abbozz ta' l-inizjattiva prevista fil-Protokoll 34 kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004.

14. Il-presidenza li jmiss hija mistiedna biex tiżgura li l-pajjiżi kandidati jinżammu aġġornati bis-sħiħ u b'mod regolari tul il-Konferenza Intergovernattiva kollha.

## II. ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

15. Abbażi tal-Programmi ta' Tampere u ta' l-Aja sar progress sinifikattiv fl-iżvilupp ta' l-Unjoni bħala spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa li titkompla l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi u li ssir ħidma fuq is-suċċessuri tagħhom sabiex ikomplu jissaħħu s-sigurtà interna ta' l-Ewropa kif ukoll il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

16. L-avvenimenti reċenti reġgħu wrew il-ħtieġa li jsir progress mgħaġġel fl-iżvilupp ta' politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni bbażata fuq prinċipji politiċi komuni, li tkun kapaċi tieħu kont ta' l-aspetti kollha tal-migrazzjoni (l-aġenda dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, kif ukoll l-aspetti interni bħall-migrazzjoni legali, l-integrazzjoni, il-protezzjoni tar-refuġjati, il-kontroll tal-fruntieri, ir-riammissjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tan-nies), ibbażata fuq sħubija ġenwina ma' pajjiżi terzi u integrata b'mod sħiħ fil-politika esterna ta' l-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li diġà sar fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet prijoritarji li jiffukaw fuq l-Afrika u l-Mediterran, inklużi l-missjonijiet reċenti ta' l-UE lejn l-Afrika u kooperazzjoni konkreta ma' l-imsieħba Afrikani u ta' l-Euromed, bħala parti mill-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u jappella biex il-ħidma fuq dawn l-azzjonijiet prijoritarji titkompla u tiġi intensifikata. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2007 dwar l-applikazzjoni ta' l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni għar-reġjuni ġirien fil-lvant u fix-xlokk ta' l-UE. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa għal kooperazzjoni intensifikata u aktar koordinata ma' dawn ir-reġjuni, il-Kunsill Ewropew jendorsja l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2007, inkluż il-lista ta' miżuri prijoritarji. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jiġu allokati riżorsi umani u finanzjarji adegwati, fil-qfas finanzjarju eżistenti, sabiex jippermettu l-implimentazzjoni debita tal-politika komprensiva dwar il-migrazzjoni.

17. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni eqreb ma' pajjiżi terzi fil-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni. Sħubiji speċifiċi ma' pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal politika koerenti dwar il-migrazzjoni li tgħaqqad il-miżuri bl-għan li jiffaċilitaw l-opportunijiet ta' migrazzjoni legali amministrati tajjeb u l-benefiċċji tagħhom - filwaqt li jkunu rispettati l-kompetenzi ta' l-Istati Membri u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-swieq tax-xogħol tagħhom - ma' dawk li jikkumbattu l-migrazzjoni illegali, jipproteġu r-refuġjati u jittrattaw il-kaġun tal-migrazzjoni mill-għeruq waqt li fl-istess ħin ikollhom impatt pożittiv fuq l-iżvilupp fil-pajjiżi ta' l-oriġini. Il-possibbiltà ta' sħubiji ta' mobilità għandha tiġi esplorata aktar kif għandhom ukoll jiġu esplorati possibbiltajiet għall-migrazzjoni ċirkolari fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2007; f'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jendorsja l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2007. Il-Kunsill Ewropew huwa konvint li l-impjieg illegali huwa fattur wieħed prinċipali li jiġbed u jmexxi lill-immigranti illegali. Huwa għalhekk jisstottolinja l-importanza tal-proposta għal Direttiva li tipprovdi regoli biex jiġi evitat l-impjieg illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

18. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-kapaċità ta' l-Unjoni li tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri tiġi rinfurzata u jissottolinja l-importanza li tkompli tissaħħaħ il-kapaċità ta' FRONTEX għal dan il-għan. L-operazzjonijiet konġunti fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri qed jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u biex jiġu salvati l-ħajjiet u għalhekk għandhom jinżammu. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jilqa' l-ftehim milħuq dwar l-istabbiliment ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri, it-tnedija tan-Netwerk ta' Rondi Kostali, u l-ħolqien ta' "toolbox" ċentralizzata ta' tagħmir tekniku disponibbli li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew jappella biex isir kull sforz minn dawk kollha kkonċernati biex it-Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntiera jsiru operattivi kemm jista' jkun malajr u biex il-possibbiltajiet il-ġodda maħluqa min-Netwerk ta' Rondi Kostali u l-"kaxxa ta' l-għodda" jintużaw bis-sħiħ, inkluż it-titjib u t-tisħiħ tar-rondi konġunti. Waqt li jfakkar fil-Programm ta' l-Aja, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li s-solidarjetà Ewropea u l-kondiviżjoni ġusta ta' responsabbiltajiet huma fost il-prinċipji fundamentali li jiggwidaw l-attivitajiet ta' l-Ewropa fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-UE, f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni integrata.

19. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim reċenti dwar ir-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal żjajjar qosra kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal konsultazzjoni tal-VIS mill-awtoritajiet maħtura ta' l-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' reati terrostiċi. Flimkien ma' l-iżvilupp ta' mezzi moderni ta' kontroll u identifikazzjoni, dawn huma passi importanti ulterjuri fit-titjib ta' l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni tal-politika komuni dwar il-viża u s-sigurtà taċ-ċittadini. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-implimentazzjoni rapida tar-Regolament VIS u d-Deċiżjoni tal-Kunsill.

20. Il-Kunsill Ewropew bl-istess mod jilqa' l-isforzi li saru biex tittejjeb il-kooperazzjoni kontinwa u approfondita fil-livell ta' l-UE u bejn l-Istati Membri fil-qasam ta' l-integrazzjoni u d-djalogu interkulturali. Il-Kunsill Ewropew jilqa', b'mod partikolari, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju dwar it-tisħiħ tal-linji politiċi ta' l-integrazzjoni fl-UE permezz tal-promozzjoni ta' l-unità fid-diversità. Huwa jenfasizza l-importanza ta' inizjattivi ulterjuri biex ikun faċilitat l-iskambju ta' esperjenzi fir-rigward tal-politika ta' integrazzjoni ta' l-Istati Membri.

21. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għat-twettiq, bħala parti mill-politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni, is-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Asil sat-tmiem ta' l-2010.

22. Il-Kunsill Ewropew ser jirrevedi l-istat ta' implimentazzjoni tal-politika komprensiva dwar il-migrazzjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss f'Diċembru 2007 abbażi ta' rapport ta' progress interim mill-Kummissjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi l-progress dwar l-applikazzjoni ta' l-Approċċ Globali lejn il-Migrazzjoni lejn l-Afrika u l-Mediterran kif ukoll l-ewwel progress dwar l-applikazzjoni ta' l-Approċċ Globali lejn il-Migrazzjoni lejn ir-reġjuni tal-Lvant u tax-Xlokk ġirien ta' l-Unjoni Ewropea.

23. L-estensjoni taż-żona ta' Schengen ser ittejjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u għaldaqstant tkompli tkun prijorità għolja għall-UE. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma preparatorja mwettqa permezz tal-proġett SISOne4All u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri li qed jieħdu sehem fil-proġett biex ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġiet kollha kif imniżżla fil-konklużjonijiet tal-Kunsill (ĠAI) tal-5/6 ta' Diċembru 2006 għat-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri interni fil-fruntieri ta' l-art u tal-baħar fl-aħħar ta' Diċembru 2007 u mal-fruntieri ta' l-ajru sa mhux aktar tard minn Marzu 2008, dment li jiġu ssodisfati dawn il-ħtiġiet kollha. Fl-istess ħin il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttemm il-ħidma li baqa' fl-iskeda ta' żmien ippjanata sabiex il-proġett SIS II jiġi finalizzat sa mhux aktar tard minn Diċembru 2008.

24. Għandhom ikomplu jsiru sforzi partikolari biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u dik tal-pulizija u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Iċ-ċittadini ta' l-Ewropa jistennew li l-UE u l-Istati Membri tagħha jieħdu azzjoni deċiżiva biex jippreżervaw il-libertà u s-sigurtà tagħhom, partikolarment fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

25. Id-deċiżjoni reċenti li d-dispożizzjonijiet essenzjali tat-Trattat ta' Prüm jiġu integrati fil-qafas legali ta' l-Unjoni ser tgħin biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni transkonfini bejn il-pulizija. Fl-istess kuntest il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li l-kapaċitajiet operattivi ta' l-Europol jiġu msaħħa aktar u jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jittrasforma l-Konvenzjoni ta' l-Europol f'Deċiżjoni tal-Kunsill, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill (ĠAI) tat-12/13 ta' Ġunju 2007.

26. Is-salvagwardja tad-drittijiet taċ-ċittadini hija vitali għall-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja daqs l-iżgurar tal-protezzjoni għaċ-ċittadini ta' l-Ewropa. F'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew b'mod partikolari jitlob lill-Kunsill jilħaq ftehim qabel tmiem is-sena fir-rigward tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u dik tal-pulizija f'materji kriminali.

27. Il-Kunsill Ewropew jappella biex il-ħidma dwar id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali titkompla kemm jista' jkun malajr sabiex tikkontribwixxi biex tiżdied il-fiduċja fis-sistemi legali ta' Stati Membri oħra u b'hekk tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Il-qbil ġenerali reċenti dwar id-Deċiżjoni Kwadru dwar il-ġlieda kontra ċerti forom ta' razziżmu u ksenofobja huwa sinjal ċar għal Ewropa impenjata fil-ġlieda kontra l-intolleranza.

28. Fl-interess taċ-ċittadini Ewropej huwa meħtieġ ftehim rapidu dwar ir-Regolamenti dwar il-liġi applikabbli relatata ma' l-obbligi kuntrattwali (Ruma I), dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli f'materji matrimonjali (Ruma III) u dwar l-obbligi ta' manteniment.

29. Il-Kunsill huwa mitlub ikompli bil-ħidma tiegħu dwar l-evalwazzjoni tal-konsistenza u l-koerenza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja dwar il-kuntratti, inkluża l-liġi tal-kuntratti tal-konsumatur.

30. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-progress li sar fl-iżvilupp ta' leġislazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni kriminali nazzjonali fuq bażi Ewropea u jitlob lill-Kunsill biex jiżgura li s-sistemi nazzjonali ta' rekords kriminali jsiru interkonnessi permezz ta' netwerk Ewropea malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill għandu wkoll jippromwovi ulterjorment il-komunikazzjoni elettronika dwar materji kriminali ("E-Justice") fl-oqsma kriminali kif ukoll f'dawk ċivili.

31. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika u jappella għall-iżvilupp ta' qafas ta' politika f'dan il-qasam.

## III. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI, SOĊJALI U AMBJENTALI

32. It-tisħiħ ulterjuri ta' l-erba' libertajiet tas-suq intern (moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital) u t-titjib tal-funzjonament tiegħu jibqgħu ta' l-akbar importanza għat-tkabbir, il-kompetittività u l-impjieg. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tar-Reviżjoni tas-Suq Uniku tal-Kummissjoni, flimkien mal-proposti li jakkumpanjawha, fil-ħarifa. Huwa jappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jagħmlu progress rapidu fir-rigward tar-Regolamenti dwar l-approċċ il-ġdid u r-rikonoxximent reċiproku, mingħajr preġudizzju għall-armonizzazzjoni ta' regoli tekniċi nazzjonali fejn xieraq.

33. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-progress li nkiseb mill-Kunsill dwar l-abbozz tad-Direttiva dwar x'kiseb is-suq intern tas-servizzi postali li ser ikollu jiżgura l-finanzjament ta' servizz universali effiċjenti u ta' kwalità għolja u jistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jipprofondu u jikkonkludu malajr id-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni bil-ħsieb li jilħqu qbil dwar id-Direttiva fi żmien debitu.

34. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex jiftiehem malajr dwar l-ewwel erba' proposti għal Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ARTEMIS, dwar sistemi tal-kompjuter integrati, l-IMI, l-Inizjattiva għal Mediċini Innovattivi, Clean Sky, dwar l-aeronawtika u t-trasport bl-ajru, u ENIAC, dwar t-teknoloġiji ta' nano-elettronika) u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti li baqa' identifikati fil-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-7 Programm Kwadru għar-Riċerka. Huwa jfakkar fl-importanza ta' ġestjoni miftuħa u trasparenti ta' dawn l-inizjattivi.

35. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li l-ħidma fir-rigward tar-Regolament għall-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija qed tavvanza sew u għalhekk jistieden lill-Kunsill biex, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ġunju, jilħaq approċċ ġenerali dwar dan ir-Regolament, inkluż il-finanzjament adegwat skond il-proċeduri baġitarji Komunitarji. Il-Kunsill Ewropew huwa kunfidenti li d-deċiżjoni finali tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew tittieħed qabel tmiem din is-sena.

36. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-valur ta' Galileo bħala proġett ċentrali ta' l-Unjoni Ewropea u jitlob lill-Kunsill jieħu deċiżjoni integrata dwar l-implimentazzjoni ta' Galileo fil-Ħarifa ta' l-2007.

37. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva għal Karta Ewropea għall-użu tal-proprjetà intelletwali mill-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u mill-universitajiet (Karta-PI) biex jittejjeb it-trasferiment tal-konoxxenza bejn ir-riċerka u l-industrija u l-kontribut tagħha għall-iżvilupp ta' l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta kmieni fl-2008 inizjattivi b'segwitu għall-Green Paper dwar l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka.

38. Fil-qasam tal-politika soċjali, il-ħidma fir-rigward tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għandha titkompla b'mod vigoruż bil-ħsieb li jiġu risolti l-kapitoli pendenti li baqa' kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill Ewropew qed jistenna bil-ħerqa l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li jmiss dwar il-flessibiltà u s-sigurtà, li abbażi tagħha jistgħu jiġu maqbula prinċipji komuni qabel tmiem din is-sena u jilqa' l-progress li sar dwar l-istrateġija ta' inklużjoni attiva. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni ta' proposta emendata għad-Direttiva dwar il-ħtiġiet minimi biex tittejjeb il-mobbiltà tal-ħaddiema bit-titjib ta' l-akkwist u l-preservazzjoni ta' drittijiet supplimentari tal-pensjoni bħala bażi għall-kontinwazzjoni tal-ħidma dwar dan is-suġġett. L-Istati Membri huma mistiedna jimplimentaw rapidament l-Istrateġija Komunitarja 2007-2012 adottata reċentement dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, li ser issaħħaħ l-approċċ ġenerali lejn il-benesseri fuq il-post tax-xogħol u tniedi mill-ġdid il-politika ta' prevenzjoni u titjib għall-ħaddiema. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-imsieħba soċjali biex jagħmlu użu tajjeb mill-Alleanza għall-Familji għall-promozzjoni ta' prattika tajba u approċċi innovattivi dwar politika favorevoli għall-familja konsistenti mal-politika pubblika nazzjonali ta' l-Istati Membri u għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa r-rapport ta' rendikont li jmiss tal-Kummissjoni dwar ir-realtà soċjali.

39. L-HIV/AIDS tibqa' kwistjoni ta' tħassib serju. L-azzjoni biex tiġi trattata l-pandemija globali ta' l-HIV/AIDS għandha tinkludi programmi ta' prevenzjoni mifruxa sew, it-taħriġ tal-persunal tal-kura tas-saħħa, is-sensibilizzazzjoni tal-gruppi kollha tas-soċjetà u l-indirizzar ta' l-ispiża tat-trattament. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi ġirien 2006-2009 u l-Programm Ewropew għal Azzjoni għall-Konfront ta' l-HIV/AIDS, tal-malarja u t-tuberkulożi permezz ta' l-azzjoni esterna 2007-2011. Huwa f'idejn l-Istati Membri biex jipprovdu t-tmexxija politika biex tiġi miġġielda din il-pandemija. L-industrija farmaċewtika għandha tiffaċilita l-aċċess għal mediċini bi prezz li jista' jintlaħaq u tikkoopera fl-assigurazzjoni ta' mezzi ta' distribuzzjoni għad-drogi kontra l-HIV/AIDS flimkien ma' l-istituzzjonijiet tal-gvern u l-NGOs.

40. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2007 dwar politika integrata dwar il-klima u l-enerġija. Huwa jilqa' s-sinjal importanti mibgħut mis-Summit tal-G8 f'Heiligendamm. Ir-referenza ċara għall-fatt li ta' l-inqas għandhom jitnaqqsu bin-nofs l-emissjonijiet sa l-2050, l-impenn lejn il-proċess ta' l-UNFCCC (Konvenzjoni Kwadru tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima) u lejn il-kisba ta' ftehim komprensiv għal wara l-2012 sa l-2009 jipprovdu bażi inkoraġġanti għan-negozjati li ġejjin ta' l-UNFCCC li għandhom jitniedu f'Bali f'Diċembru 2007. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi lill-partijiet kollha biex jipparteċipaw b'mod attiv u kostruttiv f'rispons urġenti u globali għall-isfida tal-bidla fil-klima abbażi tal-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda divrenzjati u kapaċitajiet rispettivi. Huwa jisħaq dwar l-importanza li jiġu implimentati b'mod effettiv u rapidu l-aspetti kollha tal-Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-enerġija bil-ħsieb li tiġi avvanzata l-Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima, il-Kunsill Ewropew huwa jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni debita mill-Kummissjoni ta' proposta li temenda d-direttiva dwar l-Iskema ta' Skambju ta' Emissjonijiet ta' l-UE abbażi tal-proċess ta' reviżjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra, bħala parti mir-reviżjoni UE ETS, il-possibbiltà ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' l-iskema għall-użu ta' l-art, il-bidla fl-użu ta' l-art u l-foresterija. Huwa jissottolinja l-intenzjoni ta' l-Unjoni li tinkludi l-attivitajiet ta' l-avjazzjoni fl-iskema b'mod li jaffettwax b'mod negattiv il-kompetittività.

41. Qed isir dejjem aktar evidenti li l-bidla fil-klima ser ikollha impatt konsiderevoli fuq kwistjonijiet ta' sigurtà internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex jaħdmu mill-qrib flimkien dwar din il-kwistjoni importanti u biex jippreżentaw rapport konġunt lill-Kunsill Ewropew fir-Rebbiegħa 2008.

42. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti u sostenibbli u jieħu nota ta' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li sa mhux aktar minn Ġunju 2008 tipproponi mudell għall-valutazzjoni ta' l-ispejjeż esterni kollha biex iservi bħala bażi għall-kalkoli futuri tal-piżijiet infrastrutturali. Dan il-mudell għandu jiġi akkumpanjat minn analiżi ta' l-impatt ta' l-internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni għall-modalitajiet kollha tat-trasport u passi ulterjuri f'konformità mad-Direttiva "Eurovignette".

43. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dibattitu wiesa', b'mod partikolari fil-Konferenza ta' Bremen f'Mejju 2007, li seħħ fl-Ewropa dwar il-Politika Marittima futura u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Pjan ta' Azzjoni Ewropew li jiġi ppreżentat f'Ottubru. B'kont meħud tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkollu l-għan li jesplora l-potenzjal sħiħ ta' attività ekonomika bbażata fuq il-baħar b'mod ambjentalment sostenibbli.

44. Il-Kunsill Ewropew jifraħ lil Ċipru u lil Malta dwar il-konverġenza miksuba mill-adeżjoni ma' l-UE 'l hawn, konverġenza bbażata fuq linji politiċi ekonomiċi u finanzjarji sodi, u jilqa' s-sodisfazzjon min-naħa taż-żewġ pajjiżi tal-kriterji ta' konverġenza kollha kif imniżżla fit-Trattat. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li Ċipru u Malta għandhom jadottaw l-euro fl-1 ta' Jannar 2008.

## IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

**Politika Ewropea tal-Viċinat**

45. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza immensa tal-PEV, li timmira għall-konsolidazzjoni ta' ċirku ta' prosperità, stabbilità u sigurtà bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat ta' dritt, filwaqt li tappoġġa wkoll il-proċess ta' riforma u l-modernizzazzjoni ta' l-imsieħba fil-viċinat ta' l-Unjoni.

46. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Rapport ta' Progress tal-Presidenza, li jinkludi sett ta' miżuri biex tissaħħaħ aktar il-Politika tal-Viċinat. Filwaqt li l-karattru tal-PEV bħala qafas ta' politika uniku u koerenti għandu jinżamm, l-implimentazzjoni tal-Politika għandha tieħu kont dovut ta' l-ispeċifiċità tal-pajjiżi msieħba. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenzi futuri biex ikomplu bil-ħidma abbażi tar-Rapport tal-Presidenza u l-proposti u l-komunikazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni.

**L-Asja Ċentrali**

47. Il-Kunsill Ewropew adotta strateġija ta' l-UE għal sħubija ġdida ma' l-Asja Ċentrali. Din l-istrateġija ser isservi bħala qafas ġenerali għar-relazzjonijiet ta' l-UE ma' l-Asja Ċentrali, inkluż fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat ta' dritt, il-governanza tajba u d-demokrazija, l-edukazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ u l-investiment, l-enerġija u t-trasport, il-politika ambjentali, il-migrazzjoni u d-djalogu interkulturali. L-istrateġija tiddefinixxi l-prijoritajiet ta' l-UE għall-kooperazzjoni tagħha mar-reġjun bħala ħaġa waħda, iżda l-implimentazzjoni ser tkun imfassla għall-ħtiġiet speċifiċi u l-prestazzjoni ta' kull stat ta' l-Asja Ċentrali. Il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jirrevedu regolarment il-progress fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u biex iressqu l-ewwel rapport ta' progress lill-Kunsill Ewropew sa nofs l-2008.

**Il-Proċess ta' Heiligendamm**

48. Il-Kunsill Ewropew, waqt li jfakkar fl-iżvilupp ta' l-istrumenti ta' l-UE u fora għad-djalogu ma' ekonomiji emerġenti, jilqa' l-bidu tal-Proċess ta' Heiligendamm mis-Summit tal-G8 f'Ġunju 2007 li nieda forma ġdida ta' djalogu b'mod partikolari mal-Brażil, iċ-Ċina, l-Indja, il-Messiku u l-Afrika t'Isfel. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza dejjem tikber ta' dawn l-ekonomiji emerġenti u ta' oħrajn. Il-Proċess ta' Heiligendamm għandu jintensifika d-djalogu politiku u jrawwem il-kooperazzjoni ma' dawn il-pajjiżi, speċjalment fl-oqsma ta' l-innovazzjoni u l-proprjetà intellettwali, il-kondizzjonijiet ta' investiment inkluż l-imġieba responsabbli ta' negozju, l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

**UE-Afrika**

49. It-tieni Summit UE-Afrika f'Lisbona f'Diċembru 2007 ser jipprovdi opportunità importanti biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Afrika u biex tinbena sħubija ġdida ambizzjuża u strateġika.

50. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2005, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jagħti lill-kooperazzjoni mill-qrib ulterjuri ma' l-Unjoni Afrikana sabiex jiżgura li sa Diċembru 2007 tkun tista' tiġi adottata Strateġija UE-Afrika konġunta. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn li jitkompla l-appoġġ għall-Unjoni Afrikana, bil-ħsieb, inter alia, li tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-Unjoni Afrikana fil-ġestjoni, ir-riżoluzzjoni u l-prevenzjoni ta' konflitti. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni li tiġi stabbilita sħubija dwar l-enerġija Afrika-UE fis-Summit UE-Afrika.

51. Il-Kunsill Ewropew jisħaq dwar il-ħtieġa għal arranġamenti ġodda li jippermettu r-rilaxx bikri ta' fondi ta' l-UE b'appoġġ għall-iskjerament rapidu ta' l-UA li għandu jiġi indirizzat bħala prijorità. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenji meħuda fl-Istrateġija ta' l-UE "L-UE u l-Afrika: Lejn Sħubija Strateġika" u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jagħmlu l-isforzi kollha biex jilħqu l-miri mniżżla fiha.

**Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża**

52. Il-Kunsill Ewropew jendorsja ir-Rapport tal-Presidenza dwar il-PESD, li jinkludi l-mandat għall-Presidenza li jmiss.

**L-IRLANDA TA' FUQ**

53. Il-Prim Ministru Ingliż u t-Taoiseach infurmaw lill-Kunsill Ewropew dwar ir-restorazzjoni ta' gvern kompletament inklussiv, li jikkondividi l-poter u devolut fl-Irlanda ta' Fuq. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-impenn reċenti bejn il-President tal-Kummissjoni u l-Eżekuttiv il-ġdid ta' l-Irlanda ta' Fuq u ssottolinja l-appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi li ilu jeżisti u li għadu għaddej.

____________________+_____

**ANNESS I**

# ABBOZZ TA' MANDAT TAL-KIG

Il-mandat preżenti ser jipprovdi l-bażi u l-qafas esklużivi għall-ħidma tal-KIG li ser titlaqqa' skond il-paragrafu 10 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

## I. OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI

1. Il-KIG hi mitluba tfassal Trattat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "*Trattat ta' Riforma*") li jemenda t-Trattati eżistenti bil-ħsieb li jissaħħu l-effiċjenza u l-leġittimità demokratika ta' l-Unjoni mkabbra, kif ukoll il-koerenza ta' l-azzjoni esterna tagħha. Il-kunċett kostituzzjonali, li kien jikkonsisti fir-revoka tat-Trattati eżistenti kollha u s-sostituzzjoni tagħhom b'test uniku msejjaħ "Kostituzzjoni", huwa abbandunat. It-*Trattat ta' Riforma* ser jintroduċi fit-Trattati eżistenti, li ser jibqgħu fis-seħħ, l-innovazzjonijiet li jirriżultaw mill-KIG ta' l-2004, kif imniżżlin b'mod dettaljat hawn taħt.

2. It-*Trattat ta' Riforma* ser ikun fih żewġ klawsoli sostantivi li jemendaw rispettivament it-*Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)* u t-*Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. (TKE)*. It-*TUE* ser iżomm l-isem attwali tiegħu u t-*TKE* ser jissejjaħ *Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni*, bl-Unjoni jkollha personalità ġuridika unika. Il-kelma "Komunità" ser tiġi sostitwita kullimkien bil-kelma "Unjoni"; ser ikun iddikjarat li ż-żewġ Trattati jikkostitwixxu t-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni u li l-Unjoni tissostitwixxi u ssegwi mill-Komunità. Klawsoli oħrajn ser ikun fihom id-dispożizzjonijiet tas-soltu dwar ir-ratifika u d-dħul fis-seħħ kif ukoll arranġamenti transitorji. Emendi tekniċi għat-Trattat *Euratom* u għall-*Protokolli* eżistenti, kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004, ser isiru permezz ta' Protokolli mehmużin mat-*Trattat ta' Riforma*.

3. It-*TUE* u t-*Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni* m'hux ser ikollhom karattru kostituzzjonali. It-terminoloġija użata tul it-Trattati ser tirrifletti din il-bidla: it-terminu "Kostituzzjoni" mhux ser jintuża, il-"Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni" ser jissejjaħ ir-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika dwar is-Sigurtà u d-denominazzjonijiet "liġi" u "liġi kwadru" ser jiġu abbandunati, filwaqt li d-denominazzjonijiet eżistenti "regolamenti", "direttivi" u "deċiżjonijiet" ser jinżammu. Bl-istess mod, m'hu ser ikun hemm l-ebda artikolu fit-Trattati emendati li jsemmi s-simboli ta' l-UE bħalma huma l-bandiera, l-innu jew il-motto. Dwar il-prevalenza tad-dritt ta' l-UE, il-KIG ser tadotta Dikjarazzjoni li tfakkar fil-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-UE[1].

4. Safejn hu konċernat il-kontenut ta' l-emendi għat-Trattati eżistenti, l-innovazzjonijiet li jirriżultaw mill-KIG ta' l-2004 ser jiġu integrati fit-*TUE* u t-*Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni*, kif speċifikat f'dan il-mandat. Il-modifiki għal dawn l-innovazzjonijiet introdotti b'riżultat tal-konsultazzjonijiet li saru ma' l-Istati Membri tul dawn l-aħħar 6 xhur huma indikati b'mod ċar hawn taħt. Huma jikkonċernaw b'mod partikolari l-kompetenzi rispettivi ta' l-UE u ta' l-Istati Membri u d-delimitazzjoni tagħhom, in-natura speċifika tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, ir-rwol imsaħħaħ tal-parlamenti nazzjonali, it-trattament tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mekkaniżmu, fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, li jippermetti lil xi Stati Membri jipproċedu fuq att speċifiku waqt li jippermetti li oħrajn ma jipparteċipawx.

## II. EMENDI GĦAT-TRATTAT UE

5. Il-klawsola 1 tat-*Trattat ta' Riforma* ser ikun fiha l-emendi għat-*TUE* attwali.

Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet għall-kuntrarju f'dan il-mandat, it-test tat-Trattat eżistenti jibqa' kif inhu.

6. It-test ta' l-ewwel premessa kif miftiehma fil-KIG ta' l-2004 ser jiddaħħal bħala tieni premessa fil-Preambolu.

7. It-*TUE* ser ikun maqsum f'6 Titoli: *Dispożizzjonijiet Komuni (I), Dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji demokratiċi (II), Dispożizzjonijiet dwar l-istituzzjonijiet (III), Dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni msaħħa (IV), Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar l-Azzjoni Esterna ta' l-Unjoni u Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (V), u Dispożizzjonijiet Finali (VI).* It-Titoli I, IV (bħalissa VII), V u VI (bħalissa VIII) isegwu l-istruttura tat-*TUE* eżistenti, b'emendi kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004.[2] Iż-żewġ titoli l-oħrajn (II u III) huma ġodda u jintroduċu innovazzjonijiet miftehmin fil-KIG ta' l-2004.

*Dispożizzjonijiet Komuni (I)*

8. It-Titolu I tat-TUE eżistenti, li fih fost oħrajn Artikoli dwar il-valuri u l-objettivi ta' l-Unjoni, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u dwar is-sospensjoni tad-drittijiet ta' l-Istati Membri, ser jiġi emendat f'konformità ma' l-innovazzjonijiet miftiehma fil-KIG ta' l-2004 (ara l-Anness 1, Titolu I).

---

[1] Filwaqt li l-Artikolu dwar il-prevalenza tad-dritt ta'l-Unjoni m'hux ser ikun riprodott fit-TUE, il-KIG ser taqbel dwar id-Dikjarazzjoni li ġejja: "*Il-Konferenza tfakkar li, skond każistika stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-UE, it-Trattati u l-liġijiet adottati mill-Unjoni abbażi tat-Trattati għandhom jipprevalu fuq il-liġi ta' l-Istati Membri, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-każistika msemmija.*" Barra minn hekk, l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill (dok. 580/07) ser tiġi annessa għall-Att Finali tal-Konferenza.

[2] Il-kontenut tat-Titolu VI dwar kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali ser jitqiegħed fit-Titolu dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fit-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni (*TFUE*), ara hawn taħt f' "Emendi għat-Trattat KE".

9. L-Artikolu dwar id-drittijiet fundamentali ser ikun referenzjat[3] mal-*Karta tad-drittijiet fundamentali* biex, kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004, b'hekk jagħtiha valur li jorbot legalment u jiddelinja l-ambitu ta' l-applikazzjoni tagħha.

10. Fl-Artikolu dwar il-prinċipji fundamentali dwar il-kompetenzi ser ikun speċifikat li l-Unjoni għandha taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi kkonferiti lilha mill-Istati Membri fit-Trattati.

*Dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji demokratiċi (II)*

11. Dan it-Titolu II ġdid ser ikun fih id-dispożizzjonijiet miftehmin fil-KIG ta' l-2004 dwar l-ugwaljanza demokratika, id-demokrazija rappreżentattiva, id-demokrazija parteċipattiva u l-inizjattiva taċ-ċittadini. Dwar il-parlamenti nazzjonali, ir-rwol tagħhom ser ikompli jissaħħaħ meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet miftehmin fil-KIG ta' l-2004 (ara l-Anness 1, Titolu II):

- Il-perijodu mogħti lill-parlamenti nazzjonali biex jeżaminaw l-abbozzi ta' testi leġislattivi u biex jagħtu opinjoni motivata dwar is-sussidjarjetà ser jiġi estiż minn 6 għal 8 ġimgħat (il-*Protokolli dwar il-Parlamenti nazzjonali u dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità* ser jiġu modifikati skond dan).
- Ser ikun hemm mekkaniżmu ta' kontroll rinfurzat tas-sussidjarjetà fis-sens li jekk abbozz ta' att leġislattiv jiġi kkontestat minn maġġoranza sempliċi tal-voti allokati lill-parlamenti nazzjonali, il-Kummissjoni terġa' teżamina l-abbozz ta' l-att, u tista' tiddeċiedi li żżommu, temendah jew tirtirah. Jekk tagħżel li żżomm l-abbozz, il-Kummissjoni jkollha, permezz ta' opinjoni motivata, tiġġustifika għaliex tqis li l-abbozz jikkonforma mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Din l-opinjoni motivata, kif ukoll l-opinjonijiet motivati mill-parlamenti nazzjonali, iridu jintbagħtu lil-leġislatur ta' l-UE, għal konsiderazzjoni fil-proċedura leġislattiva. Dan jagħti bidu għal proċedura speċifika:
  - qabel jiġi konkluż l-ewwel qari taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja, il-leġislatur (Kunsill u Parlament) għandu jikkunsidra l-kompattibbiltà tal-proposta leġislattiva mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, b'kont partikolari meħud tar-raġunijiet espressi u kondiviżi mill-maġġoranza tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll l-opinjoni motivata tal-Kummissjoni;
  - Jekk, b'maġġoranza ta' 55% tal-membri tal-Kunsill jew maġġoranza tal-voti mitfugħa fil-Parlament Ewropew, il-leġislatur huwa ta' l-opinjoni li l-proposta mhijiex kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proposta leġislattiva m'għandhiex tingħata aktar kunsiderazzjoni. (il-*Protokoll dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità* ser jiġi modifikat skond dan).

Artikolu ġenerali ġdid ser jirrifletti r-rwol tal-parlamenti nazzjonali.

[3] Għalhekk, it-test tal-Karta tad-drittijiet fundamentali mhux ser ikun inkluż fit-Trattati.

*Dispożizzjonijiet dwar l-istituzzjonijiet (III)*

12. Il-bidliet istituzzjonali miftehmin fil-KIG ta' l-2004 ser jiġu integrati parzjalment fit-*TUE* u parzjalment fit-*Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni*. It-Titolu III l-ġdid ser jagħti perspettiva ġenerali tas-sistema istituzzjonali u ser jiddelinja l-modifiki istituzzjonali li ġejjin għas-sistema eżistenti, jiġifieri l-Artikoli dwar l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, il-Parlament Ewropew (il-kompożizzjoni l-ġdida), il-Kunsill Ewropew (trasformazzjoni f'istituzzjoni[4] u ħolqien tal-funzjoni ta' President), il-Kunsill (introduzzjoni tas-sistema ta' votazzjoni b'maġġoranza doppja u bidliet fis-sistema ta' Presidenza tal-Knusill li ddum sitt xhur, bil-possibbiltà li din tiġi modifikata), il-Kummissjoni Ewropea (kompożizzjoni ġdida u tisħiħ tar-rwol tal-President tagħha), il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni (ħolqien tal-funzjoni l-ġdida, bit-titolu tagħha mibdul għal Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika dwar is-Sigurtà) u l-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea[5].

13. Is-sistema ta' votazzjoni ta' maġġoranza doppja, kif miftiehma fil-KIG ta' l-2004, ser tieħu effett fl-1 ta' Novembru 2004, sa liema data s-sistema preżenti ta' maġġoranza kwalifikata (Artikolu 205(2) TKE) ser tibqa' tapplika. Wara dak, matul perijodu transitorju sal-31 ta' Marzu 2017, meta deċiżjoni għandha tiġi adottata b'maġġoranza kwalifikata, membru tal-Kunsill jista' jitlob li d-deċiżjoni tittieħed skond il-maġġoranza kwalifikata kif definit fl-Artikolu 205(2) tal-TKE preżenti.

Barra minn hekk, sal-31 ta' Marzu 2017, jekk membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw mill-inqas 75% tal-popolazzjoni, jew mill-inqas 75% tan-numru ta' l-Istati Membri meħtieġ biex jikkostitwixxi minnoranza li timblokka kif previst fl-Artikolu [I-25(2)] jindikaw l-oppożizzjoni tagħhom li l-Kunsill jadotta att b'maġġoranza kwalifikata, il-mekkaniżmu previst fl-abbozz tad-Deċiżjoni li jinsab fid-Dikjarazzjoni nru 5 annessa għall-Att Finali tal-KIG ta' l-2004 ser japplika. Sa mill-1 ta' April 2017, l-istess mekkaniżmi għandu japplika, bil-persentaġġi rilevanti, rispettivament, mill-inqas 55% tal-popolazzjoni jew mill-inqas 55% tan-numru ta' l-Istati Membri meħtieġa biex jikkostitwixxu minoranza li timblokka kif previst fl-Artikolu [I-25(2)].

*Dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni msaħħa (IV)*

14. It-Titolu IV (dak li qabel kien it-Titolu VII tat-*TUE* eżistenti) ser jiġi emendat kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004. In-numru minimu ta' Stati Membri meħtieġ għat-tnedija ta' kooperazzjoni msaħħa ser ikun ta' disa'.

---

[4] Inkluż il-modalitajiet tal-votazzjoni.

[5] Ser ikun hemm xi adattament ta' formulazzjoni peress li xi dispożizzjonijiet ser jingħaqdu.

*Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni u Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (V)*

15. Fit-Titolu V tat-*TUE* eżistenti, ser jiddaħħal l-ewwel Kapitolu ġdid dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni u jkun fih żewġ Artikoli, kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004, dwar il-prinċipji u l-għanijiet ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni u dwar ir-rwol tal-Kunsill Ewropew fl-identifikazzjoni ta' l-interessi u l-objettivi strateġiċi ta' din l-azzjoni. It-tieni Kapitolu fih id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V[6] tat-*TUE* eżistenti, kif emendati fil-KIG ta' l-2004 (inkluż is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna u l-kooperazzjoni strutturata permanenti fil-qasam tad-difiża). F'dan il-Kapitolu, ser jiġi inserit l-ewwel Artikolu ġdid li jiddikjara li l-azzjoni ta' l-Unjoni fix-xena internazzjonali ser tiġi gwidata mill-prinċipji, ser tfittex li twettaq l-objettivi u ser titwettaq skond id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni li huma stabbiliti fil-Kapitolu 1. F'dan il-Kapitolu ser ikun speċifikat ċarament li l-PESK hija soġġetta għal proċeduri u regoli speċifiċi. Ser ikun hemm ukoll bażi legali speċifika dwar il-protezzjoni tad-data personali fil-qasam tal-PESK[7].

*Dispożizzjonijiet Finali (VI)*

16. It-Titolu VI (dak li qabel kien it-Titolu VIII tat-*TUE* eżistenti) ser jiġi emendat kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004. B'mod partikolari ser ikun hemm Artikolu dwar il-personalità ġuridika ta' l-Unjoni[8], Artikolu dwar ħruġ volontarju mill-Unjoni u l-Artikolu 48 ser jiġi emendat sabiex jinġabru flimkien il-proċeduri għar-reviżjoni tat-Trattati (il-proċedura ordinarja u ż-żewġ proċeduri simplifikati). Dan l-Artikolu, fil-paragrafu tiegħu dwar il-proċedura ta' reviżjoni ordinarja, ser jagħmilha ċara li t-Trattati jistgħu jiġu riveduti biex jiżdiedu jew jitnaqqsu l-kompetenzi kkonferiti lill-Unjoni. Fl-Artikolu 49, dwar il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà u l-proċedura għall-adeżjoni ma' l-Unjoni, ir-referenza għall-prinċipji ser tiġi sostitwita b'referenza għall-valuri ta' l-Unjoni u ż-żieda ta' impenn għall-promozzjoni ta' dawn il-valuri, obbligu li l-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali jiġu notifikati dwar applikazzjoni għal adeżjoni ma' l-Unjoni u referenza li tieħu kont tal-kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà miftehmin mill-Kunsill Ewropew (ara l-Anness 1, Titolu VI). Id-dispożizzjoni finali tas-soltu ser tiġi adattata wkoll (kamp ta' applikazzjoni territorjali, tul ta' żmien, ratifika u testi u traduzzjonijiet awtentiċi).[9]

## III. EMENDI GĦAT-TRATTAT KE

17. Il-klawsola 2 tat-*Trattat ta' Riforma* ser ikun fiha l-emendi għat-*TKE* attwali, li ser isir it-*Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea*.

[6] Il-KIG ser taqbel dwar id-Dikjarazzjoni li ġejja: "*Il-Konferenza tissottolinja li d-dispożizzjonijiet fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jkopru l-Politika Barranija u ta' Sigurta' Komuni, inkluż il-ħolqien ta' l-uffiċju ta' Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-istabbiliment ta' Servizz ta' Azzjoni Esterna, ma jaffetwawx ir-responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri, kif jeżistu attwalment, għall-formulazzjoni u t-twettiq tal-politika barranija tagħhom u lanqas ir-rappreżentanza nazzjonali tagħhom f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.*
*Il-Konferenza tfakkar ukoll li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-Politika dwar is-Sigurtà u d-Difiża Komuni ma jippreġudikawx il-karattru speċifiku tal-politika dwar is-sigurtà u d-difiża ta' l-Istati Membri.*
Hija tisħaq li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jibqgħu marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u, b'mod partikolari, bir-responsabbiltà primarja tal-Kunsill tas-Sigurtà u tal-Membri tiegħu għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.".

[7] Fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' tali data mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-qasam tal-PESK u tal-PESD u tal-moviment ta' tali data.

[8] Il-KIG ser taqbel dwar id-Dikjarazzjoni li ġejja: "Il-Konferenza tikkonferma li l-fatt li l-Unjoni Ewropea għandha personalità ġuridika bl-ebda mod m'hu ser jawtorizza lill-Unjoni biex tilleġisla jew taġixxi lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilha mill-Istati Membri fit-Trattati."

[9] L-Artikoli 41, 42, 46 u 50 tat-TUE ser jitħassru, bl-Artikolu 47 jitqiegħed, kif emendat fil-KIG ta' l-2004, fil-Kapitolu tal-PESK.

18. L-innovazzjonijiet kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004 ser jiddaħħlu fit-Trattat permezz ta' modifiki speċifiċi bil-manjiera tas-soltu. Huma jikkonċernaw il-kategoriji u l-oqsma tal-kompetenzi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u tal-kodeċiżjoni, id-distinzjoni bejn atti leġislattivi u non-leġislattivi, dispożizzjonijiet fost l-oħrajn dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-klawsola ta' solidarjetà, it-titjib fil-governanza ta' l-euro, dispożizzjonijiet orizzontali bħalma huma l-klawsola soċjali, dispożizzjonijiet speċifiċi bħalma huma s-servizzi pubbliċi, l-ispazju, l-enerġija, il-protezzjoni ċivili, l-għajnuna umanitarja, is-saħħa pubblika, l-isport, it-turiżmu, ir-reġjuni extra-Ewropej, il-kooperazzjoni amministrattiva, dispożizzjonijiet finanzjarji (riżorsi proprji, qafas finanzjarju pluriennali, proċedura baġitarja ġdida).

19. Ser jiġu introdotti l-modifiki li ġejjin meta mqabbel mar-riżultati tal-KIG ta' l-2004 (ara l-Anness 2):

a) L-Artikolu 1 ġdid ser jiddikjara l-għan tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni u r-relazzjoni tiegħu mat-Trattat dwar l-UE. Hu ser jiddikjara li ż-żewġ Trattati għandhom l-istess valur legali.

b) Fl-Artikolu dwar kategoriji ta' kompetenzi, imqiegħed fil-bidu tat-*TKE*, ser ikun speċifikat b'mod ċar li l-Istati Membri ser jerġgħu jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sa fejn l-Unjoni tkun iddeċidiet li ma tkomplix teżerċita l-kompetenza tagħha.[10]

c) Fl-Artikolu dwar azzjoni ta' sostenn jew ta' koordinazzjoni jew kumplimentari, is-sentenza introduttorja ser tiġi emendata sabiex tissottolinja li l-Unjoni twettaq azzjonijiet biex issostni, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.

d) Fl-Artikolu 18(3), kif emendat fil-KIG ta' l-2004, il-frażi dwar l-adozzjoni ta' miżuri dwar passaporti, karti ta' l-identità, permessi ta' residenza u dokumenti ta' dan it-tip ser titneħħa u ser tiġi trasferita għal bażi legali simili dwar din il-kwistjoni li titqiegħed fit-Titolu dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fl-Artikolu dwar il-kontrolli fil-fruntieri.

e) Fl-Artikolu 20 (protezzjoni diplomatika u konsulari), kif emendat fil-KIG ta' l-2004, il-bażi legali ser tiġi emendata sabiex tipprevedi f'dan il-qasam l-adozzjoni ta' direttivi li jistabbilixxu miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni.

f) Fl-Artikolu 286 (protezzjoni tad-data personali), kif emendat fil-KIG ta' l-2004, ser jiddaħħal subparagrafu li jiddikjara li r-regoli adottati abbażi ta' dan l-Artikolu ser ikunu bla preġudizzju għal dawk adottati fuq il-bażi legali speċifika dwar dan is-suġġett li ser tiġi introdotta fit-Titolu dwar il-PESK (il-KIG ser tadotta wkoll dikjarazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, kif ukoll, fejn adatt, iskrizzjonijiet speċifiċi fil-Protokolli rilevanti dwar il-pożizzjoni ta' Stati Membri individwali li jiċċaraw l-applikabbiltà tagħhom f'dan ir-rigward).

10 (a) Il-KIG ser taqbel ukoll dwar Dikjarazzjoni fir-rigward tad-delimitazzjoni tal-kompetenzi: "Il-Konferenza tissottolinja li, f'konformità mas-sistema tad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri kif prevista fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kompetenzi mhux konferiti lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu ta' l-Istati Membri.
*Meta t-Trattati jikkonferixxu lill-Unjoni kompetenza kondiviża ma' l-Istati Membri f'qasam speċifiku, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sa fejn l-Unjoni ma tkunx eżerċitat, jew tkun iddeċidiet li ma tkomplix teżerċita, il-kompetenza tagħha. Is-sitwazzjoni ta' l-aħħar tinqala' meta l-istituzzjonijiet rilevanti ta' l-UE jiddeċiedu li jirrevokaw att leġislattiv, b'mod partikolari biex jiżguraw aħjar ir-rispett kostanti għall-prinċpji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Il-Kunsill jista' jitlob lill-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva ta' Membru wieħed jew diversi Membri tiegħu (rappreżentanti ta' Stati Membri) u skond l-Artikolu 208, biex tissottometti proposti għar-revoka ta' att leġislattiv.*
*Bl-istess mod, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin f'Konferenza Intergovernattiva, f'konformità mal-proċedura ta' reviżjoni ordinarja prevista fl-Artikolu [IV-443] tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jistgħu jiddeċiedu li jemendaw it-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni, inkluż kemm biex jiżdiedu jew biex jitnaqqsu l-kompetenzi konferiti lill-Unjoni fl-imsemmijin Trattati."*
(b) Il-Protokoll li ġej ser jiġi anness għat-Trattati:
"*B'referenza għall-Artikolu [I-12(2)] dwar kompetenzi kondiviżi, meta l-Unjoni tkun ħadet azzjoni f'ċertu qasam, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżerċizzju ta' kompetenza jkopri biss dawk l-elementi rregolati mill-att ta' l-Unjoni kkonċernat u għalhekk ma jkoprix il-qasam kollu*."

*g)* Fl-Artikolu 42 (aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni u esportazzjoni ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali), ser issir żieda li tenfasizza li l-proċedura tieqaf bis-sistema ta' sospensjoni jekk il-Kunsill Ewropew ma jieħu l-ebda azzjoni fi żmien 4 xhur (ara l-punt 1) ta' l-Anness 2).[11]

h) L-Artikolu 60 (iffriżar ta' l-assi biex jiġi kkumbattut it-terroriżmu), kif emendat fil-KIG ta' l-2004, ser jiġi trasferit lejn l-aħħar tal-Kapitolu dwar dispożizzjonijiet ġenerali fit-Titolu dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

i) Dwar il-kwistjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ara l-Artikolu 16, kif emendat fil-KIF ta' l-2004) ser jiġi anness Protokoll għat-Trattati[12].

j) Fil-Kapitolu dwar dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għaż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-inserzjoni ta' dispożizzjoni dwar kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali (ara punt 2)(a) ta' l-Anness 2).

k) Fil-Kapitolu dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu dwar tali kooperazzjoni, kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004, ser ikun modifikat sabiex jagħti rwol lill-parlamenti nazzjonali fil-klawsola "passerelle" dwar il-liġi tal-familja (ara punt 2)(b) ta' l-Anness 2).

l) Fil-Kapitoli dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u dwar kooperazzjoni tal-pulizija, kif emendati fil-KIG ta' l-2004, fl-Artikoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi, regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet, il-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u l-kooperazzjoni tal-pulizija, ser jiddaħħal mekkaniżmu ġdid li bih dawk l-Istati Membri jistgħu jipproċedu bl-adozzjoni ta' miżuri f'dan il-qasam filwaqt li jippermetti oħrajn li ma jipparteċipawx (ara l-punt 2(ċ) u (d) ta' l-Anness 2). Barra minn dan, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda (1997) ser jiġi estiż sabiex jinkludi, fir-rigward tar-Renju Unit, u fuq l-istess termini, il-Kapitoli dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija. Huwa jista' jindirizza wkoll l-applikazzjoni tal-Protokoll rigward il-miżuri ta' bini ta' Schengen u emendi għal miżuri eżiztenti. Din l-estensjoni ser tieħu kont tal-pożizzjoni tar-Renju Unit taħt l-acquis ta' l-Unjoni li kien jeżisti qabel f'dawn l-oqsma. L-Irlanda ser tiddetermina fi żmien debitu l-pożizzjoni tagħha rigward dik l-estensjoni.

m) Fl-Artikolu 100 (miżuri f'każ ta' diffikultajiet serji fil-forniment ta' ċerti prodotti), ser tiddaħħala referenza għall-ispirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u għall-każ partikolari ta' l-enerġija fir-rigward ta' diffikultajiet fil-forniment ta' ċertu prodotti (ara punt 3) ta' l-Anness 2).

---

[11] Il-KIG ser taqbel ukoll dwar Dikjarazzjoni fir-rigward ta' dan l-Artikolu: "*Il-Konferenza tfakkar li f'dak il-każ, f'konformità ma' l-Artikolu [I-21(4)], il-Kunsill Ewropew jaġixxi b'kunsens".*

[12] Il-Protokoll li ġej ser jiġi anness għat-Trattati:
"*Protokoll dwar servizzi ta' interess ġenerali*
*Il-Partijiet Kontraenti Għoljin,*
*Filwaqt li jixtiequ jenfasizzaw l-importanza ta' servizzi ta' interess ġenerali*
*Qablu dwar is-dispożizzjonijiet interprettativi li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni:*
*Artikolu 1*
*Il-valuri kondiviżi ta' l-Unjoni rigward sevizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16 tat-Trattat KE inkluż b'mod partikolari:*
*- ir-rwol essenzjali u d-diskrezzjoni wiesgħa ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-provvediment, l-ikkuntrattar u l-organizzazjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kemm jista' jkun qrib il-ħtiġijiet ta' l-utenti;*
*- id-diversità bejn is-servizzi diversi ta' interess ekonomiku ġenerali u d-differenzi fil-ħtiġijiet u l-preferenzi ta' l-utenti li jistgħu jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ġeografiċi, soċjali jew kulturali differenti;*
*- livell għoli ta' kwalità sigurtà, u abbordabbiltà, trattament ugwali u l-promozzjoni ta' aċċess universali u tad-drittijiet ta' l-utent;*
*Artikolu 2*
*Id-dispożizzjonijiet tat-Trattati ma jaffettwaw bl-ebda mod il-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jipprovdu, jikkommissjonaw u jorganizzaw servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali."*

n) Fl-Artikolu 152 (saħħa pubblika), kif emendat fil-KIG ta' l-2004, il-punt (d) dwar miżuri li jikkonċernaw il-kontroll ta' theddid transkonfini serju għas-saħħa, l-allert fuq dan it-theddid u l-ġlieda kontrihom ser jiġi trasferit għall-paragrafu dwar l-adozzjoni ta' miżuri ta' inċentiva (il-KIG ser tadotta wkoll dikjarazzjoni li tiċċara l-aspett tas-suq intern tal-miżuri dwar l-istandards ta' kwalità u ta' sikurezza għall-prodotti u l-apparati mediċi).

o) Fl-Artikolu dwar il-politika Ewropea dwar l-Ispazju, miftiehem fil-KIG ta' l-2004, ser ikun speċifikat li l-miżuri adottati ma jistgħux jinvolvu l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.

p) Fl-Artikolu 174 (ambjent), kif emendat fil-KIG ta' l-2004, ser tiġi speċifikata l-ħtieġa partikolari biex tiġi miġġielda il-bidla fil-klima f'miżuri fil-livell internazzjonali (ara punt 4) ta' l-Anness 2).

q) Fl-Artikolu dwar l-enerġija, miftiehem fil-KIG ta' l-2004, ser tiddaħħal referenza għall-ispirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri (ara punt 5) ta' l-Anness 2), kif ukoll punt ġdid (d) dwar il-promozzjoni ta' l-interkonnessjoni ta' netwerks ta' l-enerġija.

r) Fil-bidu tal-Parti dwar l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni, ser jiddaħħal Artikolu li jgħid li l-azzjoni ta' l-Unjoni fix-xena internazzjonali ser tkun iggwidata mill-prinċipji, ser issegwi l-għanijiet u ser titwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni li huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu V tat-*TUE*.

s) Fl-Artikolu dwar il-proċedura għall-konklużjoni ta' xi ftehim internazzjonali, ser jiżdied li l-ftehim dwar l-adeżjoni ta' l-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ser jiġi konkluż mill-Kunsill, b'unanimità u b'ratifika mill-Istati Membri.

t) L-Artikolu 229A (l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fuq tilwim relatat ma' drittijiet Ewropej ta' proprjetà intellettwali) ser jibqa' kif inhu.

u) Fl-Artikolu 249 (definizzjoni ta' atti ta' l-UE: regolament, direttiva u deċiżjoni), f'Sezzjoni 1 ġdida dwar l-atti ġuridiċi ta' l-Unjoni, id-definizzjoni ta' deċiżjoni ser tiġi allinjata ma' dik miftiehma fil-KIG ta' l-2004.

v) Bħala konsegwenza li jitneħħew id-denominazzjonijiet "liġi" u "liġi kwadru", l-innovazzjonijiet miftiehma fil-KIG ta' l-2004 ser jiġu adattati, filwaqt li tinżamm id-distinzjoni bejn dak li huwa leġislattiv u dak li m'huwiex u l-konsegwenzi tiegħu. Għaldaqstant, wara l-Artikolu 249, ser jiġu introdotti tliet Artikoli dwar, rispettivament, atti li huma adottati f'konformità ma' proċedura leġislattiva, atti delegati u atti implimentattivi. L-Artikolu dwar l-atti leġislattivi ser jgħid li l-atti (regolamenti, direttivi jew deċiżjonijiet) adottati taħt proċedura leġislattiva (ordinarja jew speċjali) ser ikunu atti leġislattivi. It-terminoloġija fl-Artikoli dwar l-atti delegati u dawk implimentattivi, kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004, ser tiġi adattata skond dan.".

w) Fl-Artikolu 308 (klawsola ta' flessibbiltà), kif emendat fil-KIG ta' l-2004, ser jiżdied paragrafu li jgħid li dan l-Artikolu ma jistax iservi bħala bażi biex jinkisbu għanijiet li jappartjenu għall-PESK, u li kwalunkwe att adottat bis-saħħa ta' dan l-Artikolu ser ikollu jirrispetta l-limiti stabbiliti fl-Artikolu [III-308, it-tieni subparagrafu].[13]

---

[13] Il-KIG ser taqbel ukoll dwar żewġ Dikjarazzjonijiet fir-rigward ta' dan l-Artikolu:

1) "*Il-Konferenza tiddikjara li r-referenza fl-Artikolu 308 għall-għanijiet ta' l-Unjoni tirreferi għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu [I-3(2) u (3)] u għall-għanijiet ta' l-Artikoli [I-3(4)] fir-rigward ta' l-azzjoni esterna taħt il-Parti III, Titolu V tat-Trattat. Hu għalhekk eskluż li azzjoni bbażata fuq l-Artikolu 308 tkun tfittex biss l-għanijiet stabbilti fl-Artikolu [I-3(1)]*
*B'rabta ma' dan, il-Konferenza tinnota li skond l-Artikolu [I-40(6)], ma jistgħux jiġu adottati atti leġislattivi fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.*"

2) "*Il-Konferenza tissottolinja li, skond il-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 308, billi huwa parti integrali minn sistema istituzzjonali bbażata fuq il-prinċipju ta' setgħat konferiti, ma jistax iservi bħala bażi għat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat ta' l-Unjoni lil hinn mill-qafas ġenerali maħluq bid-dispożizzjonijiet tat-Trattati fl-intier tagħhom u, b'mod partikolari, b'dawk li jiddefinixxu l-kompiti u l-attivitajiet ta' l-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 308 ma jistax jintuża bħala bażi għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet li l-effett tagħhom ikun, fis-sustanza, li jemendaw it-Trattati bla ma jsegwu l-proċedura li huma jipprovdu għal dak l-għan.*"

x) Wara l-Artikolu 308, ser jiddaħħal Artikolu li jeskludi mill-kopertura tal-proċedura ta' reviżjoni simplifikata dawk il-bażijiet ġuridiċi li ma kinux koperti b'din il-proċedura fit-testi kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004.

20. Barra minn dan, għadd ta' dispożizzjonijiet miftehmin fil-KIG ta' l-2004 ser ikunu jinsabu fit-*Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni* (ara l-lista fil-Parti B ta' l-Anness 2).

## IV. PROTOKOLLI U T-TRATTAT TA' L-EURATOM

21. Il-Protokolli l-ġodda miftehmin fil-KIG ta' l-2004[14] ser jiġu annessi mat-Trattati eżistenti (jiġifieri l-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, il-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, il-Protokoll dwar il-Grupp ta' l-euro, il-Protokoll dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti fil-qasam tad-difiża u l-Protokoll dwar l-adeżjoni ta' l-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem).

22. Protokoll anness mat-*Trattat ta' Riforma* ser jemenda l-Protokolli eżistenti, kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004 (inkluż it-tħassir ta' 10 minnhom).

23. Protokoll anness mat-*Trattat ta' Riforma* ser jagħmel l-emendi tekniċi meħtieġa, kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004, għat-*Trattat Euratom*.

## V. DIKJARAZZJONIJIET

24. Minbarra d-Dikjarazzjonijiet imsemmijin f'dan il-mandat, id-Dikjarazzjonijiet kif miftehmin mill-KIG ta' l-2004 ser jiġu assunti minn din il-KIG, fejn dawn jirrigwardaw dispożizzjonijiet jew protokolli eżaminati matul din il-KIG.

________

[14] Xi wħud minn dawn il-Protokolli m'humiex meħtieġa minħabba l-fatt li t-Trattati eżistenti m'humiex revokati u għalhekk m'humiex elenkati. Huwa ssottolinjat li t-Trattati eżistenti kollha, inkluż l-Atti ta' Adeżjoni, jibqgħu fis-seħħ.

**Emendi għat-Trattat dwar l-UE** **Anness 1**

***Titolu I - Dispożizzjonijiet komuni*** *L-għan ta' dan l-Anness hu li tiġi ċċarata l-formulazzjoni eżatta fejn ikun meħtieġ*

1) *Inserzjoni fil-Preambolu tat-Trattat UE ta' din it-tieni premessa "billi" li ġejja*[15]:*

"ISPIRATI mill-patrimonju kulturali, reliġjuż u umanist ta' l-Ewropa, li minnu żviluppaw il-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem li ma jistgħux jiġu vjolati u lanqas aljenati, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-prinċipju ta' l-istat tad-dritt,"

2) *Fl-Artikolu 1, inserzjoni tas-sentenzi li ġejjin:*

*Fit-tmiem ta' l-ewwel subparagrafu:* "... li lilha l-Istati Membri jikkonferixxu kompetenzi biex jiksbu għanijiet li għandhom komuni bejniethom.".

*Biex jissostitwixxi l-aħħar subparagrafu:* "L-Unjoni għandha tiġi stabbilita fuq dan it-Trattat u fuq it-Trattat dwar il-funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea. Hija għandha tissostitwixxu u tissuċċedi lill-Komunità Ewropea.".

2bis) *Inserzjoni ta' Artikolu 2 dwar il-valuri ta' l-Unjoni**

3) *Sostituzzjoni ta' l-Artikolu 2 dwar l-għanijiet ta' l-Unjoni, li jingħata n-numru 3, bit-test li ġej[16]:*

"1. L-għan ewlieni ta' l-Unjoni hu li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-ġid tal-popli tagħha.

2. L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità.

3. L-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, bl-għan ta' impjieg sħiħ u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità ta' l-ambjent. Hija għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku.

Hija għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u għandha tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

Hija għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Hija għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tiżgura li l-patrimonju kulturali Ewropew jiġi mħares u żviluppat.

3bis.L-Unjoni għandha tistabbilixxi unjoni ekonomika u monetarja li l-valuta tagħha tkun l-euro.

4. Fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha tafferma u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha. Hija għandha tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, il-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għall-osservanza stretta u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, inkluż ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

5. L-Unjoni għandha tfittex l-għanijiet tagħha b'mezzi xierqa, f'konformità mal-kompetenzi rilevanti li huma kkonferiti lilha fit-Trattati."

---

[15] F'dan l-Anness kollu, dan is-sinjal (*) jindika li l-innovazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu huma l-istess bħal dawk miftehmin fil-KIG ta' l-2004.

[16] Il-Protokoll li ġej ser jiġi anness għat-Trattati:
"Protokoll dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni
*Il-Partijiet Kontraenti Għoljin, filwaqt li jikkunsidraw li s-suq intern kif stabbilit fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jinkludi sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tkunx distorta*
*Qablu li,*
*għal dan il-fini, l-Unjoni għandha, jekk meħtieġ, tieħu azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, inkluż taħt l-Artikolu 308 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni.*"

4) *Sostituzzjoni ta' l-Artikolu 3 b'Artikolu 4 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri*, biż-żieda ta' dan li ġej fil-bidu u ta' sentenza fi tmiem il-paragrafu 1 preżenti, innumerat mill-ġdid 2:*

"1. Skond l-Artikolu [I-11], il-kompetenzi li m'humiex konferiti fit-Trattati lill-Unjoni jibqgħu għand l-Istati Membri.

2. L-Unjoni għandha tirrispetta l-ugwaljanza ta' l-Istati Membri quddiem it-Trattati kif ukoll l-identità nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi fundamentali tagħhom, politiċi u kostituzzjonali, inkluż l-awto-governanza lokali u reġjonali. Hi għandha tirrispetta l-funzjonijiet ta' l-Istat essenzjali tagħhom, inkluż l-iżgurar ta' l-integrità territorjali ta' l-Istat, filwaqt li tiggarantixxi l-liġi u l-ordni u tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru.

*(il-paragrafu preżenti 2 ġie numerat mill-ġdid 3)"*.

5) *Sostituzzjoni ta' l-Artikolu 6 dwar id-drittijiet fundamentali b'test li jaqra kif ġej:*[17]-[18]-[19]-[20]

"1. L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tas-7 ta' Diċembru 2000, kif adattata fi [... 2007[21]], li għandu jkollhom l-istess valur legali bħat-Trattati.

---

[17] Il-KIG ser taqbel dwar id-Dikjarazzjoni li ġejja: *"Il-Konferenza tiddikjara li:*
*1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandha saħħa vinkolanti legali, tikkonferma d-drittijiet fundamentali garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u kif huma jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri.*
*2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi ta' l-Unjoni lil hinn mis-setgħat ta' l-Unjoni jew tistabbillixxi xi setgħa ġdida jew kompitu ġdid għall-Unjoni, jew timmodifika setgħat u kompiti definiti mit-Trattati.*
Żewġ delegazzjonijiet irriżervaw id-dritt tagħhom li jikkunsidraw jekk humiex ser jingħaqdu f'dan il-Protokoll.

[18] Dikjarazzjoni Unilaterali mill-Polonja:
*"Il-Karta ma taffetwa bl-ebda mod id-dritt ta' l-Istati Membri li jilleġislaw fl-isfera ta' moralità pubblika, il-liġi tal-familja kif ukoll il-ħarsien tad-dinjità umana u r-rispett għall-integrità fiżika u morali tal-bniedem."*

[19] Il-Protokoll li ġej ser jiġi anness għat-Trattati:
"*Il-Partijiet Kontraenti Għoljin*
*Billi fl-Artikolu [xx] tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji mniżżlin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;*
*Billi l-Karta għandha tkun applikata strettament skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu [xx] imsemmi qabel u t-titolu VII tal-Karta nnifisha;*
*Billi l-Artikolu [xx] imsemmi qabel jeħtieġ li l-Karta tkun applikata u interpretata mill-qrati tar-Renju Unit strettament skond l-Ispjegazzjonijiet msemmijin f'dak l-Artikolu;*
*Billi l-Karta fiha kemm drittijiet kif ukoll prinċipji;*
*Billi l-Karta fiha kemm dispożizzjonijiet li huma ta' karattru ċivili u politiku u dawk li huma ta' karattru ekonomiku u soċjali;*
*Billi l-Karta tafferma mill-ġdid id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji rrikonoxxuti fl-Unjoni u tagħmel dawk id-drittijiet aktar viżibbli, imma ma toħloqx drittijiet jew prinċipji ġodda;*
*Ifakkru l-obbligi tar-Renju Unit taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, u l-liġi ta' l-Unjoni b'mod ġenerali;*
*Jinnotaw ix-xewqa tar-Renju Unit li jiċċara ċerti aspetti ta' l-applikazzjoni tal-Karta;*
*Xewqana għalhekk li jiċċaraw l-applikazzzjoni tal-Karta rigward il-liġijiet u l-azzjoni amministrattiva tar-Renju Unit u tal-ġustizzjabbiltà tagħha fir-Renju Unit;*
*Jaffermaw mill-ġdid li referenzi f'dan il-Protokoll għall-operat ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Karta huma strettament mingħajr preġudizzju għall-operat ta' dispożizzjonijiet oħrajn tal-Karta;*
*Jaffermaw mill-ġdid li dan il-Protokoll huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Karta għal Stati Membri oħrajn;*
*Jaffermaw mill-ġdid li dan il-Protokoll huwa mingħajr preġudizzju għal obbligi oħrajn tar-Renju Unit taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, u l-liġi ta' l-Unjoni b'mod ġenerali;*
*Qablu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin li ser ikunu annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea:*
*Artikolu 1*
*1. Il-Karta ma testendix l-abbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew kwalunkwe qorti jew tribunal tar-Renju Unit, li ssib li l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi, il-prattiki jew l-azzjoni tar-Renju Unit huma inkonsistenti mad-drittijiet, libertajiet u prinċipji fundamentali li hija tafferma mill-ġdid.*
*2. B'mod partikolari, u biex jiġi evitat dubju, xejn fit-[Titolu IV] tal-Karta ma joħloq drittijiet ġustizzjabbli għar-Renju Unit ħlief sa fejn ir-Renju Unit ikun ipprovda għal tali drittijiet fil-liġi nazzjonali tiegħu.*
*Artikolu 2*
*Sa fejn dispożizzjoni tal-Karta tirreferi għal liġijiet u prattiki nazzjonali, hija għandha tapplika biss fir-Renju Unit sa fejn id-drittijiet jew prinċipji li jinsabu fiha huma rikonoxxuti fil-liġi jew prattiki tar-Renju Unit."*

[20] Żewġ delegazzjonijiet irriżervaw id-dritt tagħhom li jingħaqdu f'dan il-Protokoll.<0}

[21] Il-verżjoni tal-Karta kif miftiehma fil-KIG ta' l-2004 li ser tiġi attwata mill-ġdid mit-tliet Istituzzjonijiet fl-[2007]. Hija ser tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta m'għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti fit-Trattati.

Id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji fil-Karta għandhom jiġu interpretati skond id-dispożizzjonijiet ġenerali fit-Titolu VII tal-Karta li tirregola l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha u b'kont debitu meħud għall-ispjegazzjonijiet imsemijin fil-Karta, li jistabbilixxu s-sorsi ta' dawk id-dispożizzjonijiet."

2. L-Unjoni għandha taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-adeżjoni m'għandhiex taffettwa l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti fit-Trattati.

3. Id-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, għandhom jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt ta' l-Unjoni.

6) *Inserzjoni ta' Artikolu 7bis dwar l-Unjoni u l-ġirien tagħha*.*

***Titolu II - Dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji demokratiċi***

7) *Inserzjoni ta' Artikolu ġdid dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni li jaqra kif ġej:*

"Il-parlamenti nazzjonali għandhom jikkontribwixxu attivament għall-funzjonament tajjeb ta' l-Unjoni:

a) billi jinżammu infurmati mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u billi jintbagħtulhom l-abbozzi ta' l-atti leġislattivi Ewropej skond il-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea;

b) billi jiżguraw li l-prinċipju ta' sussidjarjetà jiġi rispettat skond il-proċeduri previsti fil-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

ċ) billi jieħdu sehem, fil-qafas taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fil-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni għall-implimentazzjoni tal-politika ta' l-Unjoni f'dak il-qasam, skond l-Artikolu [III-260], u billi jinvolvu ruħhom fil-monitoraġġ politiku ta' l-Europol u l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Eurojust skond l-Artikoli [III-276 u III-273];

d) billi jieħdu sehem fil-proċeduri ta' reviżjoni tat-Trattati, skond l-Artikolu [IV-443 u IV-444]:

e) billi jiġu notifikati bl-applikazzjonijiet għall-adeżjoni ma' l-Unjoni, skond l-Artikolu [49];

f) billi jieħdu sehem fil-kooperazzjoni interparlamentari bejn il-parlamenti nazzjonali u mal-Parlament Ewropew, skond il-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.".

***Titolu V - Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-Azzjoni Esterna ta' l-Unjoni u dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni***

8) *Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu 1 li jaqra kif ġej (it-test attwali tal-paragrafu 1 jiġi mħassar):*[22]

1. Il-kompetenza ta' l-Unjoni f'materji ta' politika estera u ta' sigurtà komuni għandha tkopri l-oqsma kollha tal-politika estera u l-kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' l-Unjoni, inkluż it-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni, li tista' twassal għal difiża komuni.

[22] Il-KIG ser taqbel dwar id-Dikjarazzjoni li ġejja: "*Flimkien mal-proċeduri speċifiċi msemmijin fil-[paragrafu 1 ta' l-Artikolu 11], il-Konferenza tenfasizza li d-dispożizzjonijiet li jkopru l-PESK inkluż f'relazzjoni mar-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u s-Servizz ta' Azzjoni Esterna mhux ser jaffettwaw il-bażi legali, ir-responsabbiltajiet, u s-setgħat eżistenti ta' kull Stat Membru fir-rigward tal-formulazzjoni u t-tmexxija tal-politika barranija tiegħu, tas-servizz diplomatiku nazzjonali tiegħu, ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluża sħubija ta' l-Istat Membru fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.*
*Il-Konferenza tinnota wkoll li d-dispożizzjonijiet li jkopru l-PESK ma jagħtux setgħat ġodda lill-Kummissjoni biex tibda deċiżjonijiet jew iżżid ir-rwol tal-Parlament Ewropew.*
*Il-Konferenza tfakkar ukoll li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-Politika dwar is-Sigurtà u d-Difiża Komuni ma jippreġudikawx il-karattru speċifiku tal-politika dwar is-sigurtà u d-difiża ta' l-Istati Membri."*

Il-politika estera u ta' sigurtà komuni hija soġġetta għal proċeduri speċifiċi. Hija għandha tkun definita u implimentata mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill li jaġixxu unanimament, ħlief fejn it-Trattati jipprovdu mod ieħor. L-adozzjoni ta' atti leġislattivi għandha tkun eskluża. Il-politika estera u ta' sigurtà komuni għandha titwettaq mir-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Istati Membri, skond it-Trattati. Ir-rwol speċifiku tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam huwa definit mit-Trattati. Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea m'għandux ikollha ġurisdizzjoni fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ħlief għall-ġurisdizzjoni tagħha li tissorvelja l-konformità ma' l-Artikolu [III-308] u teżamina mill-ġdid il-legalità ta' ċerti deċiżjonijiet kif previst mill-Artikolu [III-376, it-tieni subparagrafu]."

***Titolu VI - Dispożizzjonijiet finali***

9) *Fl-Artikolu 49, l-ewwel sub-paragrafu, inserzjoni ta' sentenza ġdida fl-aħħar, it-tieni sub-paragrafu jibqa' l-istess:*

*"Artikolu 49*

*Kriterji ta' eliġibbiltà u proċedura għall-adeżjoni ma' l-Unjoni*

*Kull Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri msemmijin fl-Artikolu 2 u huwa mpenjat biex jippromovihom jista' japplika biex isir membru ta' l-Unjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu notifikati b'din l-applikazjzoni. L-Istat applikanti għandu jindirizza l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill, li għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni u wara li jirċievi l-kunsens tal-Parlament Ewropew, li għandu jaġixxi b'maġġoranza assoluta tal-membri komponenti tiegħu. Għandu jittieħed kont tal-kriterji ta' eliġibbiltà miftehmin mill-Kunsill Ewropew."*

**Emendi għat-Trattat KE** **Anness 2*[23]**

***A. Modifiki mqabbla mar-riżultati kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004***

*L-għan ta' dan l-Anness hu li tiġi ċċarata l-formulazzjoni eżatta fejn ikun meħtieġ (A) u li jiġi ċċarat il-post ta' ċerti dispożizzjonijiet (B)*

*1)* *Fl-Artikolu 42, inserzjoni ta' l-emendi kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004, biż-żieda ta' dan li ġej, fit-tmiem:*

"Meta membru tal-Kunsill jiddikjara li abbozz ta' att leġislattiv kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu jkun jaffettwa aspetti importanti tas-sistema ta' sigurtà soċjali tiegħu, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni, l-ispiża jew l-istruttura finanzjarja tagħha, jew ikun jaffettwa l-bilanċ finanzjarju ta' dik is-sistema, huwa jista' jitlob li l-kwistjoni tiġi rreferuta lill-Kunsill Ewropew. F'dak il-każ, il-proċedura leġislattiva ordinarja għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, il-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien erba' xhur minn din is-sospensjoni, jew:

(a) jirreferi l-abbozz lura lill-Kunsill, li għandu jtemm is-sospensjoni tal-proċedura leġislattiva ordinarja, jew

(b) ma jieħu l-ebda azzjoni jew jitlob lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta ġdida; f'dak il-każ, l-att propost oriġinarjament għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat."

*2)* *Sostituzzjoni, kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004, tat-Titolu IV bid-dispożizzjonijiet ta' Titolu ġdid dwar iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja*, li jinkludi Kapitolu 1 (dispożizzjonijiet ġenerali), Kapitolu 2 (politika dwar il-kontrolli fil-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni), Kapitolu 3 (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili), Kapitolu 4 (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali) u Kapitolu 5 (kooperazzjoni tal-pulizija).*

*(a)* *Fil-Kapitolu 1 (dispożizzjonijiet ġenerali), inserzjoni fi [Artikolu III-262] tat-tieni subparagrafu ġdid li ġej:*

"Għandu jkun għall-Istati Membri biex jorganizzaw bejniethom u taħt ir-responsabbiltà tagħhom forom ta' kooperazzjoni u ta' koordinazzjoni kif iqisu xieraq bejn id-dipartimenti kompetenti ta' l-amministrazzjonijiet tagħhom responsabbli għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali."

*(b)* *Fil-Kapitolu 3 (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili), sostituzzjoni tal-paragrafu 3 tal-[Artikolu III-269] kif ġej:*

3. Minkejja l-paragrafu 2, miżuri li jikkonċernaw il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet trans-konfini għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi bi proċedura leġislattiva speċjali. Il-Kunsill għandu jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kumissjoni, jista' jadotta deċiżjoni li tiddetermina dawk l-aspetti tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet trans-konfini li jistgħu jkunu s-suġġett ta' atti adottati mill-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill għandu jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Il-proposta msemmija fit-tieni sub-paragrafu għandha tkun innotifikata lill-Parlamenti nazzjonali. Jekk Parlament nazzjonali jgħarraf l-oppożizzjoni tiegħu fi żmien sitt xhur mid-data ta' tali notifika, id-deċiżjoni msemmija fit-tieni sub-paragrafu m'għandhiex tiġi adottata. Fin-nuqqas ta' oppożizzjoni, il-Kunsill jista' jadotta d-deċiżjoni."

[23] F'dan l-Anness kollu, dan is-sinjal (*) jindika li l-innovazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu huma l-istess bħal dawk miftehmin fil-KIG ta' l-2004.

*(ċ) Fil-Kapitolu 4 (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali), sostituzzjoni ta', rispettivament, il-paragrafi 3 u 4 ta' [l-Artikolu III-270] u ta' [l-Artikolu III-271] b'dan li ġej:*

"3. Meta membru tal-Kunsill iqis li abbozz ta' direttiva kif imsemmi fil-[paragrafu 2 ta' III-270] [paragrafi 1 jew 2 ta' III-271] ikun jaffettwa aspetti fundamentali tas-sistema ta' ġustizzja kriminali tiegħu, huwa jista' jitlob li l-abbozz ta' direttiva jiġi rreferut lill-Kunsill Ewropew. F'dak il-każ, il-proċedura leġislattiva ordinarja għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, u fil-każ ta' kunsens, il-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien erba' xhur minn din is-sospensjoni, jirreferi l-abbozz lura lill-Kunsill, li għandu jtemm is-sospensjoni tal-proċedura leġislattiva ordinarja.

Fl-istess perijodu ta' żmien, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, u jekk mill-inqas terz ta' l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa abbażi ta' l-abbozz ta' direttiva konċernata, huma għandhom jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan. F'dak il-każ, l-awtorizzazzjoni biex jipproċedu b'kooperazzjoni msaħħa msemmija fl-[Artikoli I-44(2)] u [III-419(1)] għandha titqies li ngħatat u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar kooperazzjoni msaħħa."

*(d) Fil-Kapitolu 4 (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali) u fil-Kapitolu 5 (kooperazzjoni tal-pulizija) inserzjoni tas-subparagrafi ta' l-aħħar ġodda li ġejjin, rispettivament, fil-paragrafu 1 ta' [III-274] u fil-paragrafu 3 ta' [l-Artikolu III-275]:*

"Fil-każ ta' nuqqas ta' unanimità fil-Kunsill, grupp ta' mill-inqas terz ta' l-Istati Membri jista' jitlob li l-abbozz ta' [regolament/miżuri] jiġi rreferut lill-Kunsill Ewropew. F'dak il-każ, il-proċedura fil-Kunsill għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, u fil-każ ta' kunsens, il-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien erba' xhur minn din is-sospensjoni, jirreferi l-abbozz lura lill-Kunsill għall-adozzjoni.

Fl-istess perijodu ta' żmien, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, u jekk mill-inqas terz ta' l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa abbażi ta' l-abbozz ta' [regolament/miżuri] konċernat, huma għandhom jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan. F'dak il-każ, l-awtorizzazzjoni biex jipproċedu b'kooperazzjoni msaħħa msemmija fl-[Artikoli I-44(2)] u [III-419(1)] għandha titqies li ngħatat u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar kooperazzjoni msaħħa."

[*fi III-275(3) biss*: "Il-proċedura speċifika pprovduta fit-tieni u t-tielet subparagrafi m'għandhiex tapplika għal atti li jikkostitwixxu żvilupp ta' l-acquis ta' Schengen."].

*3) Fl-Artikolu 100, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

"1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċeduri oħrajn provduti fit-Trattati, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, dwar il-miżuri xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika, b'mod partikolari jekk diffikultajiet serji jirriżultaw fil-forniment ta' ċerti prodotti, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-enerġija."

*4) Fit-Titolu XIX (ambjent), l-inserzjoni ta' emendi kif miftehmin fil-KIG ta' l-2004, bis-sotituzzjoni ta' l-aħħar inċiż fl-Artikolu 174 b'dan li ġej:*

"- il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew dinjin, u b'mod partikolari li jiġġieldu bidla fil-klima."

*5) L-inserzjoni ta' Titolu ġdid dwar l-enerġija, kif miftiehem fil-KIG ta' l-2004, bis-sostituzzjoni tas-sentenza introduttorja fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu [III-256] b'dan li ġej:*

"1. Fil-kuntest ta' l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u fir-rigward tal-ħtieġa biex ikun ippreservat u mtejjeb l-ambjent, il-politika ta' l-Unjoni dwar l-enerġija għandha timmira, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, li: (...)".

***B. Kjarifiki dwar il-post ta' ċerti dispożizzjonijet****

6) *Status ta' knejjes u ta' organizzazzjonijiet mhux konfessjonali (tmiem tat-Titolu II dwar dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali);*

7) *Ċittadinanza ta' l-Unjoni (Parti Tnejn);*

8) *Bażi legali għall-adozzjoni ta' l-arranġamenti għall-preżentazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini [I-47(4)] (fil-bidu ta' l-Artikolu 27);*

9) *Trasparenza fil-proċedimenti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji ta' l-Unjoni (Artikolu 255, tressaq għall-Parti Tnejn);*

10) *Sħab soċjali u d-djalogu soċjali (bidu tal-Kapitolu dwar il-politika soċjali);*

11) *Klawsola ta' solidarjetà (Titolu VII ġdid fil-Parti dwar l-Azzjoni Esterna);*

12) *Ombudsman Ewropew (fl-Artikolu 195);*

13) *Dispożizzjoni li taħtha r-regoli dwar votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata japplikaw ukoll għall-Kunsill Ewropew ([Artikolu I-25(3)] fis-Sezzjoni 1bis ġdida dwar il-Kunsill Ewropew);*

14) *Bażijiet ġuridiċi għall-adozzjoni tal-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill [Artikolu I-24(4)] u d-deċiżjoni dwar il-presidenza ta' dawn il-konfigurazzjonijiet (Artikolu I-24(7)] u s-sostituzzjoni ta' l-Artikolu 205(2) bir-regola dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata applikabbli meta l-Kunsill ma jaġixxix fuq bażi ta' proposta mill-Kummissjoni [Artikolu I-25(2)] (fis-Sezzjoni 2 dwar il-Kunsill);*

15) *Bażi legali għall-adozzjoni tas-sistema ta' rotazzjoni għall-kompożizzjoni tal-Kummissjoni [Artikolu I-26(6)(a) u (b)] (Sezzjoni 3 dwar il-Kummissjoni);*

16) *Bank Ċentrali Ewropew (fis-Sezzjoni 4bis fil-Parti Ħamsa);*

17) *Qorti ta' l-Awdituri (fis-Sezzjoni 5 fil-Parti Ħamsa);*

18) *il-Korpi Konsultattivi ta' l-Unjoni (fil-Kapitoli 3 u 4 fil-Parti Ħamsa);*

19) *Titolu II speċifiku dwar id-dispożizzjonijiet finanzjarji (Kapitoli dwar ir-riżorsi proprji ta' l-Unjoni, il-qafas finanzjarju pluriennali, il-baġit annwali ta' l-Unjoni, l-implimentazzjoni tal-baġit u l-kwittanza, dispożizzjonijiet komuni u l-ġlieda kontra l-frodi);*

20) *Titolu III u d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni msaħħa, inkluż it-trasferiment ta' l-Artikoli 27 A sa 27 E u 40 sa 40 B TUE u tad-dettalji dwar l-arranaġamenti tal-votazzjoni [Artikolu I-44(3)];*

21) *Emenda ta' l-Artikolu 309 bid-dettalji tar-regoli dwar il-votazzjoni fil-każ tas-sospensjoni ta' ċerti drittijiet li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni [Artikolu I-59(5) u (6)];*

22) *Inserzjoni fid-Dispożizzjonijiet Ġenerali u Finali tad-dettalji tal-kamp ta' l-applikazzjoni territorjali [Artikolu IV-440(2) sa (7)].*

**ANNESS II**

## LISTA TA' DOKUMENTI PPREŻENTATA LILL-KUNSILL EWROPEW

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Estensjoni u t-Tisħiħ ta' l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni**
10746/07

**It-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat - Rapport ta' Progress tal-Presidenza u Konklużjonijiet tal-Kunsill**
10874/07
11016/07

**L-UE u l-Asja Ċentrali: Strateġija għal Sħubija Ġdida**
10113/07

**PESD - Rapport tal-Presidenza**
10910/07
10910/07 COR 1 (fr,mt)

**Dimensjoni tat-Tramuntana - Rapport ta' Progress Annwali ta' l-2006 dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Dimensjoni tat-Tramuntana**
10612/07
10610/07

**Rapport tal-Presidenza dwar l-attivitajiet ta' l-UE fil-qafas tal-prevenzjoni, inkluż l-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-UE għall-Prevenzjoni ta' Konflitti Vjolenti**
11013/07
11013/1/07 REV 1 (bg)